# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2016

Appell Nru: 109/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Gilbert Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gilbert Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 150782M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Novembru, 2013 ghall-habta ta' bejn l-09:45hrs u l-10:05hrs waqt li kien fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar: 1) Hebb ghall-persuna ta' David Vincent Libreri w ikkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Adrian Mifsud M.D. reg. 5449 mill-Isptar Mater Dei; 2) U aktar talli volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u/jew glied. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' David Vincent Libreri (Kap 9. Sec. 383).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha wara li rat l-artikoli 221(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati taz-zewg akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' mitt ewro (€100).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gilbert Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu talab lil din il- Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi tilliberah skond il-ligi. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 t'Ottubru 2015 fejn l-Avukat Generali ssolleva n-nullita' tar-rikors ta' appell bis-segwenti eccezzjoni: *Dr. Lanfranco ghall-Avukat Generali tissottometti li t-talba kif maghmula fir-rikors tal-appell ta' Gilbert Farrugia qed titlob ghar-riforma billi tirrevoka s-sentenza fl-ewwel parti taghha, liema talba kif maghmula tmur kontra d-dettami tal-Artikolu 419 tal-Kodici Krimiali u ghaldaqstant l-Avukat Generali qed jecepixxi n-nullita' tar-rikors tal-appell;*

Rat ir-risposta tal-appellant kif registrata fil-verbal tal-istess seduta: *Dr/ Busuttil jirrileva li t-talba fl-ewwel sentenza hija skont id-dettami tal-Kodici*

*Kriminali, illi fit-tieni sentenza qed ssir talba li f'kaz li t-talba originali ma tigix milqugha, l-Qorti tikkunsidra t-tieni stadju kif mitluba fit-tieni sentenza. Illi ghalhekk l-aspett ta' riforma huwa dipendenti skont kif il-Qorti taghzel il-linja deciziva kif indikat fl-ewwel sentenza.*

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din is-sentenza titratta dwar l-eccezzjoni ta' nullita' tal-appell interpost. L-artikolu 419(1) tal-Kaptiolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi illi r-rikors tal-appell ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita', il-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell u <u>it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri</u> (sottolinear tal-Qorti). Qabel kull kunsiderazzjoni ohra, tajjeb li jinghad illi ezami tal-gurisprudenza in rigward juri illi l-Qrati taghna maz-zmien qieghdin jiehdu attegjament kemxejn anqas rigidu minn dak prevalenti fiz-zmien u dan bil-ghan illi, dejjem fil-parametri li tippermetti l-ligi, jkun salvagwardjat id-dritt ta' ezami iehor minn qorti superjuri. Ara in rigward **Il-Pulizija vs Joseph John Agius – App Krim 9.4.2003, Il-Pulizija vs Paul Tabone – App Krim 1.2.2013, Il-Puliizja vs Lorcharles Pace App Krim 20.7.2012 u Il-Pulizija vs Joseph Galea – App Krim 17.9.2012** fost diversi ohrajn fejn f'din l-ahhar sentenza l-Qorti ssanat r-rikors *marte proprio* anke jekk ma kienx konformi mal-fuq citat artikolu. Fil-kaz odjern l-appellant talab lil din il-Qorti *in primis* li tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokaha u tiddikjara lill-appellant mhux hati u konsegwentement tilliberah. It-talba tal-appellant tammonta ghal-kontrasens guridiku u dan ghaliex meta ssir talba ghal-riforma l-appellant ikun qieghed jaccetta s-sentenza f'certi aspetti taghha u ma jistghax fl-istess waqt jitlob li jkun liberat minn kull htija u piena *ergo* t-tahsir tas-sentenza;

L-appellant isostni illi t-talba tieghu saret skond id-dettami tal-artikolu 419 tal-Kap 9 wara l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali. Ir-risposta tieghu izda ma tindirizzax din l-eccezzjoni meta jghid illi t-talba tieghu ghar-riforma tas-sentenza hija wahda sussidjarja ghal-ewwel wahda tieghu igifieri dik ta' thassir. Il-punt li ghandu jkun deciz hawnhekk hu jekk appellant jistghax jitlob ir-riforma ta' sentenza billi jitlob li din tkun revokata. Fis-sentenza citata *supra* **Pulizija vs Joseph Galea**, l-Qorti, minkejja li kien *hemm element konfuzjonali fil-hsieb tat-talba u .. l-Qorti kellha tfittex fil-korp tar-rikors biex tara ezattament x'ried jghid l-appellant u ghalxiex kien qed jirreferi meta talab l-annullament u r-riforma tas-sentenza* u minkejja li skond principji annuncjati kellha tiddikjara l-appell null, ghazlet illi tikkonsidra li *t-talba ta' l-annullament u thassir tas-Sentenza u r-riforma ta' l-istess Sentenza jkunu sub-ordinati ghall-xulxin biex b'hekk tissana r-rikors u tkun tista tisimghu fuq il-mertu*. F'dik il-kawza l-Qorti salvat r-rikors tal-appell billi kkunsidrat it-talbiet bhala sussidjarji ghall-xulxin izda fil-kaz odjern dan ma jistghax isir. Appellant jehtieg li iqieghed lilu nniffsu fis-siggu tal-Qorti li fl-ahhar trid tiddeciedi billi tilqa jew tichad it-talba. F'dan il-kaz ma tistghax tilqa' t-talba biex tirriforma s-sentenza u fl-istess waqt tirrevokaha. A contrario senso ma tistghax tichad it-talba biex tirriforma s-sentenza u fl-istess waqt tirrevokaha ghaliex jew ser tvarja jew ser tirrevoka. Il-formalizzmu zejjed ma hu ta' gid ghall-hadd wisq anqas dak tal-appellant li d-destin ta' hajtu jkun jiddependi mill-mod kif l-appell tieghu ikun abbozzat. Izda fl-istess waqt rikors ghal-kliem semplici tal-artikolu 419 **tahsir** jew **tibdil ,** jew kliem iehor li ghandu l-istess tifsira ( Pulizija vs Joseph John Galea u Pulizija vs Paul Tabone *cit. supra)* certament ma kienx jaghti lok ghal-kwistjoni hawn devoluta;

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u tiddikjara l-appell irritu w null minhabba karenza skond l-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u bhala konsegwenza tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell.